MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2399/2002

**Anna Wismayer**

**Vs**

**C. Fino & Sons Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u erba' liri Maltin (Lm204) prezz ta' xoghol ta' advertising li sar fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenut li permezz taghha ddikjarat li m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attrici.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:-

1. L-attrici qeghda titlob il-hlas ta' Lm204 ghal xoghol ta' reklamar li skond hi saret fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

2. L-attrici xehdet li:

(a) Ghandha agenzija ta' reklamar bl-isem ta' AIM Holdings;

(b) Originarjament kienet topera permezz ta' kumpannija bl-isem ta' AIM Limited. Din il-kumpannija ilha ma topera sa mill-1993;

(c) Saru zewg reklami fil-pubblikazzjoni *Engineering Today* u *Nerazzurro* li baqghu ma thallsux mis-socjeta konvenuta. Ma sarx ftehim bil-miktub.

3. Min-naha taghha s-socjeta konvenuta tikkontendi li hija nnegozjat ma' AIM Limited u mhux ma' l-attrici. F'dan ir-rigward ipprezentat kopja ta' l-istatut ta' din il-kumpannija, fejn wahda mill-azzjonisti u diretturi hija l-attrici. Inoltre jirrizulta li wiehed mill-iskopijiet ta' din il-kumpannija huwa *"act as practitioners in advertising, public relations, consultants and marketing consultants, for and on behalf of any local or foreign firm, company, industry, government and/or any other undertaking"* u *"buy or sell advertising space and time to an from any advertising media in Malta and/or elsewhere"*. Ghas-socjeta konvenuta xehed Lawrence Fino li qal li ghal skopijiet ta' reklamar kienu jitkellmu ma' certu Bobby Cali u li ma kienx jaf x'jisimha l-kumpannija li tatihom is-servizz.

4. Fil-kors tal-proceduri s-socjeta konvenuta ressqet ukoll provi dwar pretenzjonijiet li ghandha dwar lift li gie ordnat meta wasal Malta u qabel ma gie nstallat, l-imsemmi Cali gharraf lill-ufficjali tas-socjeta konvenuta li l-

ordni kienet qeghda tigi kkancellata. Fix-xhieda moghtija minn Lawrence Fino [seduta tas-6 ta' Frar 2003] dan ikkonferma li l-attrici ma kellhiex x'taqsam mal-lift. It-Tribunal huwa ghalhekk tal-fehma li din il-kwistjoni m'ghandha l-ebda rilevanza mal-meritu ta' dan il-kaz.

5. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-fatt li l-attrici kienet direttrici u azzjonista fil-kumpannija AIM Limited ma jeskludix li din kienet topera taht l-isem ta' ditta. Mill-provi t-Tribunal huwa sodisfatt li jirrizulta li effettivament l-attrici hadet l-ordni u hi wettqet l-inkarigu. Ghalhekk il-hlas huwa dovut lilha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas is-somma ta' mitejn u erba' liri Maltin (Lm204) kif fuq spjegat, bl-imghax skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------